MISSION FUND

NO: 94

NEWSPAPER POST

VO/0015

# IL-MISSJUNARJU



## SAN PAWL MISSJUNARJU

Din is-sena, kif ilkoll nafu, l-Knisja qiegħda tiċċelebra s-sena dedikata lil San Pawl, Appostlu tal-Ġnus, u għaldaqstant, qed jiġu organizzati diversi attivitajiet reliġjużi madwar id-dinja kollha sabiex inżommu ħajja l-qdusija tiegħu u l-imħabba tiegħu lejn il-fidi Kattolika.

**EDITORJAL**

Aħna l-Maltin u l-Għawdxin għandna għalfejn nirringrazzjaw 'l-Alla l-Imbierek li għoġbu jagħtina l-grazzja kbira li konna minn tal-bidu li għarafna u aċċettajna l-kelma Tiegħu permezz tal-miġja ta' San Pawl fostna. In-nawfraġju ta' San Pawl ma seħħx b'kumbinazzjoni, iżda għax dan kien fil-pjan t'Alla l-Imbierek.

Huwa mportanti li ngħixu din il-fidi tagħna ta' kuljum u dejjem inkomplu nitħegguha. Dan nistgħu nagħmluh permezz ta' talb, opri tajba u bil-mod kif ngħixu ħajjitna. Għandna nkunu ta' eżempju tajjeb għall-oħrajn u b'hekk nkunu qegħdin inxandru l- Kelma t'Alla u nagħtu xhieda ta' Kristu f'ħajjitna.

Missierna San Pawl għamel dan permezz ta' diversi vjaġġi li, għalkemm iltaqa' ma' ħafna problemi u maltempati, qatt ma qata' qalbu.

Huwa baqa' dejjem jimxi 'l-quddiem u jxandar il-kelma t'Alla u kien jagħmel min kollox biex dawk in-nies li kienu miegħu jgħamlu l-kuraġġ u jafdaw dejjem lilhom infushom f'idejn il-providenza u l-volonta' t'Alla l-Imbierek.

Il-Mission Fund, li din is-sena qed tiċċelebra l-ħamsa w għoxrin sena mit-twaqqif tagħha, għandha l-għan li kemm jista' jkun timxi fl-istess triq: dik li tagħti sehema sabiex tixxandar il-Kelma t'Alla l-Imbierek lil tant popli li għadhom qatt ma semgħu biha. Dan qiegħed isir permezz ta' għajnuna lil tant missjunarji Maltin u Għawdxin li hawn mxerrdin madwar id-dinja li ċċaħdu minn kollox, minn art twelidhom, il-familja, il-flus, karriera u tant affarijiet oħra, biex imorru f'dawn l-artijiet biex ixandru l-kelma Tiegħu u biex ukoll jgħinu lil dawn in-nies kemm materjalment u wisq aktar spiritwalment. Hemm ħafna minn dawn il Missjunarji li baqgħu sħaħ fil-fidi u fil- ħidma tagħhom sa' l-aħħar ta' ħajjithom u spiċċaw mietu martri.

L-iskop tal-Mission Fund huwa li dejjem tkun ta' għajnuna għal dawn in-nies; mhux biss materjalment, izda fuq kollox billi nżommuhom dejjem fit-talb tagħna. L-istorja tal-Mission Fund hi bħal dik taż-żerriegħa tal-mustarda li bdiet bħala żerriegħa żgħira li dejjem baqgħat tikber. Sabiex jinġabru fondi li jintbgħatu f'donazzjonijiet lil diversi Missjunarji Maltin u Għawdxin imxerrdin f'pajjiżi tat-tielet dinja, il-Mission Fund għanda numru ta' voluntiera li jiddedikaw ħafna mill-ħin liberu tagħhom biex jgħinu fil-*bazaars, tea-tombolas*, ecc..

Minbarra dan, hemm ukoll min jagħmel sagrifiċċju (uħud ilhom jagħmluha sena wara l-oħra) u jiċħdu kollox biex imorru jwettqu xi proġett ta' tama f'xi art tal-missjoni. Dan kollu jgħamluh b'dedikazzjoni kbira u għal l-ispejjez tagħhom minflok li jibqgħu d-dar igawdu l-vaganzi tas-sajf flimkien mal-familjari u ħbieb tagħhom.

Aħna wkoll nistgħu nkunu missjunarji billi nagħmlu dak li qalilna San Pawl: 'Issa li għandna z-żmien, nagħmlu l-ġid ma' kulħadd u l-aktar ma' ħutna fil-fidi''(Gal. kap 4: vers 10)

*Christine Camilleri - Membru*

Address: Eureka Court, Block A Flat 6, Main Street, Mosta MST 1018
Opening Hours: Mon-Fri: 9am – 1pm
Tel/Fax: (+356) 2141 3664 – 24-hr Answering Machine Service

Website: www.missionfund.org.mt
E-mail: missionfund@global.net.mt

**DONAZZJONIJIET LI NTBAGĦTU LILL-MISSJUNARJI BEJN SETTEMBRU – DIĊEMBRU 2008**

**1. Fr. Emidio Saliba (INDIA)**
Towards digging a well for the neighbouring villages. €1,200

**2. Sr. Miriam Cassar (S. AFRICA)**
Towards transforming a little room into a workshop for baking to provide food to the needy families. €1,200

**3. Sr. Eufemia Buhagiar (Paraguay)**
Towards providing daily meals to the poor children and paying their school fees. €1,200

**4. Fr. Anthony Zammit (PERU`)**
Towards providing the poor children with a daily meal, medical care, education and spiritual aid. €1,200

**5. Ms. Maris Camilleri (PERU`)**
Towards your work with the sick and elderly people and also helping patients coming from afar to have cancer treatments and chemotherapy. €1,200

**6. Fr. Joe Galea (KENYA)**
Towards the running of the primary school and paying school fees for the students coming from very poor families, in order to continue with their studies. €1,200

**7. Fr. Paul Mercieca (BRAZIL)**
Towards the construction of a chapel and a community centre and for the provision of food for the poor families. €1,200

**8. Sr, Liliana Borg (PAKISTAN)**
Towards helping a group of young girls with their education fees and provide financial help for the needy families. €1,200

**9. Sr. Josephine Borg (PAKISTAN)**
Towards financial support to the poor families. €1,200

**10. Sr. Mary Carmen Busuttil (EGYPT)**
Towards the financial support for the education and the subsidisation of the lodgings of some university students and young women. €1,200

**11. Sr. Rose Theresa Sant (ISRAEL)**
Towards helping poor Christians families in Jerusalem and also the very poor family with 5 children whose father is sick. €1,200

**12. Sr. Giustina Aquilina (PAKISTAN)**
Towards working and providing medical care to the sick poor people who come to the hospital from many poor villages. €1,200

**13. Sr. Teodoreta Aquilina (BRAZIL)**
Towards the running of the two crèches which cater for around 250 orphans from 2 to 9 years old and also to provide educational support. €1,200

14. **Sr. Grazia Schembri (EGYPT)**
Towards the medical expenses for the elderly missionary sisters. €1,200

15. **Fr. Joseph Cilia (INDIA)**
Towards the work with the youths providing awareness programmes on drugs, AIDS, alcoholism and paying for medicine, hospital bills. €1,200

16. **Fr. Pablo Buttigieg (CUBA)**
Towards the formation of catechists and helping communities of the parish with their basic needs. €1,200

17. **Fr. Jose' Sciberras (BRASIL)**
Towards the work with the poor in the Parish. €1,200

18. **Fr. Peter Fenech, (BRASIL)**
Towards the provision of food, clothes and medicine for the street people. €1,200

19. **Fr. Lawrence Gauci (BRASIL)**
Towards professional courses for unemployed youths and computer courses for the poor. €1,200

20. **Mgr. George Frendo (ALBANIA)**
Towards providing flour for poor families, helping people living in slums to live more decently and to help students coming from poor families to pursue their studies. €2,400

21. **Sr. Maria Grech (ISRAEL)**
Towards providing jobs for the young married men and counselling for the families. €1,200

22. **Sr. Mary Rose Muscat (GĦANA)**
Towards Pastoral work, school fees and the provision of books, uniforms and medical care. €1,200

23. **Sr. Helen Jones (JORDAN)**
Towards the help given to the refugees and the teaching of Catechism in the Parish School. €1,200

24. **Sr. Josepha Gauci (KENYA)**
Towards the providing porridge for breakfast and a hot meal every day for the street children and the running of the Children's Home for the abandoned orphans. €1,200

25. **Mr. Hector Pickard (PERU`)**
Towards the work with the handicapped children and paying school fees for two students. €1,200

26. **Sr. Irene Balzan (W.AFRICA)**
Towards providing primary health care, women empowerment project and helping farmers to improve their standard of living. €1,200

27. **Ms. Lara Bezzina (BURKINA FASO)**
Towards the work with people with disabilities living in poverty, helping them to be integrated in society. €1,200

| | |
|---|---|
| **Donazzjonijiet mill – 01.09.2008 – 31.12.2008** | **€33,600** |
| **Donazzjonijiet matul is-sena 2008** | **€218,654** |
| **Donazzjonijiet minn 1984 – 2008** | **€2,260,058** |

## L*AQGĦA ĠENERALI ANNWALI 2008*

*Il-Laqgħa Ġenerali Annwali ser issir **fil – 5 t'April, 2009**. F'din il-laqgħa, fost affarijiet oħra ssir elezzjoni għall-membri ta' Kumitat ġdid għal-sena, kif ukoll jinqraw u jiġu approvati r-Rapport tal-President u r-Rapport Finanzjarju għas-sena li għada kemm għaddiet. Inħabbrulkom il-kumitat il-ġdid fil-ħarġa li jmiss.*

## P*ROĠETT TAMA FIT-TANZANIA*

*Fis-7 t'Awissu, grupp ta' voluntiera sejrin għal 5 ġimgħat Mwanza fit-Tanzania, biex jagħmlu esperjenza missjunarja fuq talba ta' Sr. Domenica Ciliberti. Qed nagħmlu talba ġenerali għal **għodod, mediċini, preserves** u **stationery**, sabiex jintbagħtu fil-kontejner li ser jitlaq fl'aħħar ta' Marzu.*

## F*IGOLLI:*

*Bħall kull sena, għal fund raising ser ikollna figolli li ser jinbiegħu **€5.00** il-waħda. Tistgħu tordnaw mill-uffiċċju fuq tel no. 2141 3664, mit-Tnejn sal-Ġimgħa, mid-09.00 sas-13.00 jew lil Carmen Montfort fuq tel. no. 21373467 / 99842060.*

## C*OLD BUFFET:*

*L-istess grupp ser jorganizza Cold Buffet **il-Magazino il-Valletta Waterfront** nhar is-**Sibt 26 t'April, 2009 fis-12.30pm.** Il-prezz ser ikun €11.00 għal kbar u €5.00 għat-tfal ta' taħt il-ħdax il-sena. Min ikun irid biljetti għandu jċempel lil Charles Decelis (Tel: 2157 5351 / 9988 5078) jew lil Sylvia Ebejer (Tel: 2143 5968) sa mhux aktar tard mis-**21 ta' April, 2009.***

## N*EWSLETTER FUND:*

*Bħal kull sena, qed niġbru donazzjoni ta' lanqas €3.00, għall-ispejjeż ta' din in-Newsletter. Jekk jogħġobkom immarkaw l-envelop tad-donazzjoni għal dan l-iskop, jiġifieri 'Newsletter Fund'. Din id-donazzjoni mhix obbligatorja. Min ma jibgħatiex xorta jibqa' jirċievi n-Newsletter imma bl-għajnuna tagħkom tkunu qed ittaffu xi ftit l-ispejjez tagħna. Grazzi.*

## S*KEMA SELF TA' FLUS:*

*Din hija skema fejn il-benefattur tagħna, minflok jagħtina donazzjoni, jsellifna somma flus (€500 minimu) u l-imgħax fuq dan id-depożitu, flok imur għand il-benefattur, jgħaddi lill-Mission Fund. Is-somma depożitata dejjem tibqa' dritt tal-benefattur, tant, li meta wieħed jkollu bżonn il-flus, dan għandu jinfurmana ftit ġranet qabel biex ngħadduhom lura (bla imgħax). Aħna dejjem nagħtu irċevuta/dokument uffiċċjali. Bis-saħħa tal-benefatturi li qed jipparteċipaw f'din l-iskema, aħna għandna s-somma sabiħa ta' €53,700 li tirrendielna imgħax tajjeb, sabiex inkunu nistgħu ngħinu lill-missjunari tagħna. Kull min hu nteressat f'din l-opera sabiħa jew jixtieq ikun jaf iżjed dettalji, għandu jikkuntattjana. Grazzi.*

## F*LUS MALTIN:*

*Jekk baqgħalkom xi flus Maltin (karti u muniti) u ma tridux toqgħodu tmorru l-Bank Ċentrali biex issarrfuhom f'Euros u tridu tagħtuhom lill-Mission Fund, dawn tistgħu tħalluhomna bħala donazzjoni. Dan ikun apprezzat ħafna. Tistgħu tavżaw lill-ħbiebkom u lill-qrabatkom b'din l-inizjattiva. Grazzi.*

# *BAZAARS*

## *TAURUS CENTRE (ex Albert tours) - VALLEY ROAD, B'KARA*

*KULL NHAR TA' TNEJN U L-ĦAMIS BEJN ID-09.00 – 12.00*

## *GARAGE 27, ST. MARGARET STREET, MOSTA*

**QUDDIESA GĦALL-ERWIEĦ TAL-BENEFATTURI TAGĦNA**

Kull xahar matul is-sena, fil-knisja ta' **San Franġisk il-Ħamrun** ser issir quddiesa għall-erwieħ tal-qraba tal-benefatturi tal-Mission Fund. Dan ser isir f'dawn il-ġranet li ġejjin:

**31 ta' Marzu (08.30), 16 t'April (18.30), 14 ta' Mejju (18.30), 11 ta' Gunju (18.30), 16 ta' Lulju (18.30), 16 t' Awissu (12.00), 24 ta' Settembru (18.30), 15 t'Ottubru (18.30), 2 ta' Novembru (08.30), 25 ta' Diċembru, 2008 (09.00).** Inħeġġu lil kull min jista` biex jattendi għal dan il-quddies.

Quddiesa oħra ser issir nhar l-Ħamis **14 ta' Mejju, 2009 fil- Knisja ta' Sta. Theresa, Triq il-Wied, B'Kara fis-6.30 ta' filgħaxija.**

Kull min jixtieq jibgħat xi donazzjoni għandu jimla l-formula t'hawn taħt flimkien ma' l-ismijiet tal-qraba u ħbieb mejtin u jibgħatilna. Dawn jiġu offruti fuq l-artal waqt il-quddiesa. Isir talb speċjali għal ruħhom, kemm fil-quddies li nagħmlu hawn Malta, kif ukoll f'dawk li jsiru għall-istess għan mill-Missjunarji li intom qegħdin tgħinu.

-------------------------------------------------- aqta` hawn -----------------------------------------------

MISSION FUND

Qiegħed nibgħat il-ħlas ta' € _____________ permezz ta' cheque/ money order pagabbli lill-MISSION FUND għal ruħ/erwieħ:

______________________________________________________________

______________________________________________________________

ISEM: ______________________________________________________

NUM. TAL-BIEB:_____________ ISEM TAD-DAR:__________________________

TRIQ: __________________________________________________________

RAĦAL: ____________________________POST CODE IL-ĠDID: ______________________

# 25 SENA TA' ĦIDMA FEJJIEDA

Fis-16 t'April 2009 il-Mission Fund tagħlaq 25 sena mit-twaqqif tagħha. Jekk nagħtu ħarsa lura lejn is-snin imgħoddija naraw kif din l-opra ta' karita` minn bidu tant ċkejken żviluppat matul iż-żmien sakemm illum il-ġurnata dan il-moviment kiber u qed iħalli ħafna frott.

L-għan li għalih twaqqfet il-Mission Fund kien primarjament li tagħti support lill-missjunarji Maltin u Għawdxin li qed jaħdmu fl-għalqa tal-Mulej f'diversi pajjiżi foqra. Din l-għajnuna ċerta-ment li għamlet differenza għaliex

permezz ta' għajnuna finanzjarja, morali u anke fiżika l-missjunarju Malti kellu ċ-ċans li jxerred ġid spiritwali u materjali.

Kienu numru ta' voluntiera li ta' kull sena, għal dawn l-aħħar 18 –il sena marru f'xi pajjiż tal-missjoni u hemmhekk għamlu xogħol f'dak li għandu x'jaqsam mal-kostruzzjoni ta' bini, it-tagħlim fl-iskejjel, għajnuna fil-kliniċi u mitt elf ħaġa oħra.

Marridx inħalli barra l-ħaddiema tal-uffiċċju li jkunu f'kuntatt kontinwu mal-kumitat tal-Mission Fund u li b'dedikazzjoni kbira jieħdu ħsieb ix-xogħol ta' kordinazzjoni sabiex l-affarijiet jimxu sewwa. Huma jieħdu ħsieb li jintbagħtu regolar-ment fondi lill-missjunarji skont min ikun imissu. Jibgħatu wkoll informazzjoni lill-membri dwar at-tivitajiet li jiġu organizzati għalihom permezz ta' ċirkolari kull xahar, *newsletter* kull tliet xhur u l-megażin 'Il-Missjunarju' darba f'sena. Ladarba semmejt il-megażin irrid inżid li kull ma jmur dan qed ikun aktar informattiv u jiġbed l-għajn. Dan grazzi għall-editur u l-membri li jagħtu l-għajnuna tagħhom.

Barra minn hekk, illum aġġornajna mal-bżonnijiet taż-żmien u għandna saħansitra websajt li permezz tagħha qed inwaslu leħinna f'bosta pajjiżi. Qed isir użu tal-medja bħal gazzetti, televixin u radju b'tali mod li l-ħidma tal-Mission Fund qed tkun aktar magħrufa u qed issib is-support ta' ħafna benefatturi li mingħajr il-ġenerożita` tagħhom żgur ma konniex naslu sa fejn wasalna llum. Lil dawn il-benefatturi jiena ngħid grazzi ħafna u nwegħed-kom it-talb tagħna. Huwa l-Mulej li għad iħallas għall-opri tajba li nagħmlu. Hu jħallas b'imaxx tajjeb ta' 'mija għal kull wieħed' u niftakru wkoll fi kliem Ġesu` meta qalilna ' Fittxu li tagħmlu teżori fis-sema, fejn il-ħallelin ma' jistgħux jisirquhom.'

L-isbaħ rigal li tistgħu tagħtu lil-missjunarji hu t-talb tagħkom. Nitolbu għalihom sabiex is-Sinjur Alla jieqaf magħhom u jagħtihom il-kuraġġ li għandhom bżonn. Il-ħsad huwa KBIR iżda l-ħaddiema huma FTIT! Għalhekk nitolbu lil Sid il-ħsad sabiex jibgħat aktar ħaddiema fl-għalqa tiegħu.

Imbagħad, jekk f'din l-okkażjoni speċjali tal-25 Anniversarju tixtieqU tagħtu rigal u tagħmlu donazzjoni biex ix-xogħol fil-missjoni jkompli, dan tistgħu tagħmluh billi tibgħatu ċekk jew *money or-der* fl-uffiċċju tagħna. Barra minn hekk, tistgħu tiddepożitaw id-donazzjoni tagħkom f'wieħed minn dawn il-kontijiet bankarji:

BOV plc 163 007 980 19
HSBC plc 061 197 448 050

Tistgħu wkoll tibgħatu SMS vojt fuq dawn in-numri:

5061 8071 għal donazzjoni ta' €4.66 jew
5061 9203 għal donazzjoni ta' €11.65.

Filwaqt li nirringrzzjakom bil-quddiem tal-ġenerożita` tagħkom, inwegħedkom it-talb tagħna.

Charles Decelis - Segretarju